MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Numru. 338/2011

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Bernard Spiteri)
vs
Josef (Joseph) Sharfid, iben Mohammed, imwieled Pieta' fid-9 ta' Awwissu, 1975, karta ta' l-identita numru 392375(M)
u
Natasha Jane Mullaney, bint Richard, imwielda l-Ingilterra fis-16 ta' Diċembru, 1980, karta ta' l-identita numru 190405(L)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fl-20 ta' Frar, 2011 għal ħabta tal-5.30 p.m. u/jew fil-jiem ta' qabel, f'diversi nħawi ta' Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. fl-20 ta' Frar, 2011 għal ħabta tal-5.30 p.m., mill-fond numru 7, Bow Bells, Triq il-Papa Alessandru VII, Balzan ikkomettew serq ta' ġjollerija, apparat elettroniku, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-€2,329.37, u bil-lok li sar għad-dannu ta' Joseph Cipriott u Amelia Paula Cipriott u/jew persuna/i oħra;

2. bejn is-16 ta' Frar, 2011 għal ħabta tat-3.00 p.m. u it-18 ta' Frar, 2011 għal ħabta tas-7.00 p.m., mill-fond numru 2D, Sunflower Court, Triq Gianni Vella, Birkirkara ikkomettew serq ta' television tal-marka Sharp, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-€2,329.37, u bil-lok li sar għad-dannu ta' Antoine Mangion u/jew Sylvana Vella u/jew ta' persuna/i oħra;

3. fid-19 ta' Frar, 2011, għal ħabta tal-5.15 p.m., bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq mill-fond numru 2D, Sunflower Court, Triq Gianni Vella, Birkirkara wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravate bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-€2,329.37, u bil-lok u kien ikun sar għad-dannu ta' Antoine Mangion u/jew Sylvana Vella u /jew ta' persuna/i oħra;

4. fis-16 ta' Frar, 2011, għal ħabta tal-4.30 p.m., mill-fond numru 51, Angel, Triq Patri Delia, Birkirkara ikkomettew serq ta' flus kontanti, dokumenti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-lok u li sar għad-dannu ta' Joseph Falzon u Josephine Falzon u/jew ta' persuna/i oħra;

lil **Josef (Joseph) Sharfid** waħdu:

5. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' April, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

Fil-konfront ta’ **Josef (Joseph) Sharfid** u **Natasha Jane Mullaney**:
1. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e), 263, 264(1), 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(e), 263, 264(1), 266, 267, 269(g), 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264(1), 266, 267, 269(g), 274(ċ), 277(b), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 18, 261(b)(e), 263, 264(1), 266, 269(g) u 278(2) tal-Kodiċi Kriminali;
5. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali; u

Fil-konfront ta’ **Josef (Joseph) Sharfid**, waħdu:
1. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi rispettivi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta’ **Josef (Joseph) Sharfid**. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264(1), 266, 267, 269(g), 274(ċ), 277(b), 278(3), 279(a)(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tmintax il-xahar priġunerija. Fil-konfront ta’ **Natasha Jane Mullaney**. Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264(1), 266, 267, 269(g), 274(ċ), 277(b), 278(3), 279(a)(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-

imputati li jħallas is-somma ta’ erba’ mija u tmienja u sebgħin euro (€478) spejjeż inkorsi f’dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------